

KONKLUŻJONIJIET

Suġġett: Konklużjonijiet tal-61 laqgħa tal-Kunsill taż-ŻEE (Brussell, 20 ta' Novembru 2025)

Il-wieħed u sittin laqgħa tal-Kunsill taż-ŻEE saret fi Brussell fl-20 ta' Novembru 2025 taħt il-Prezidenza tas-Sa Þorgerður Katrín Gunnarsdóttir, Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Iżlanda. Għal-laqgħa attendew is-Sa Marie Bjerre, Ministru għall-Affarijiet Ewropej tad-Danimarka, li rrappreżentat il-Prezidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea; is-Sur Espen Barth Eide, Ministru għall-Affarijiet Barranin tan-Norveġja; u s-Sa Sabine Monauni, Ministru għall-Affarijiet Barranin, l-Ambjent u l-Kultura tal-Liechtenstein, kif ukoll rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE ddiskutew il-funzjonament ġenerali tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Ftehim ŻEE) u kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "L-aġenda ta' simplifikazzjoni tal-UE u l-Ftehim ŻEE".

Ukrajna

1. Filwaqt li fakkru fil-konklużjonijiet preċedenti tagħhom, il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE affermaw mill-ġdid l-appoġġ sod u persistenti tagħhom għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE ser ikomplu jipprovdu, f'koordinazzjoni ma' sħab u alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku msaħħa lill-Ukrajna u l-poplu tagħha.
2. Minkejja sforzi diplomatiċi sostnuti mill-Istati Uniti u l-Ewropa għall-paċi u r-rieda tal-Ukrajna li taħdem għall-paċi, ir-Russja żiedet l-intensità tal-attakki bil-missili u bid-droni tagħha fuq l-Ukrajna, b'mod partikolari mmirati lejn il-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura ċivili, u b'hekk uriet in-nuqqas ta' rieda politika reali tar-Russja li ttemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha u li tinvolvi ruħha f'negozjati ta' paċi sinifikattivi. Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE reġġew lir-Russja biex taqbel dwar waqfien mill-ġlied sħiħ, mingħajr kundizzjonijiet u immedjat, li l-Ukrajna qablet dwaru f'Marzu 2025, u tennew l-appoġġ tal-membri tal-Kunsill taż-ŻEE għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE fakkru fil-prinċipji stipulati fis-6 ta' Marzu 2025 li għandhom jiggwidaw in-negozjati għall-paċi.
3. Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE ser ikomplu jikkontribwixxu għall-isforzi ta' paċi, b'mod partikolari permezz tal-Koalizzjoni tal-Partijiet Disposti u f'kooperazzjoni mal-Istati Uniti, u billi jintensifikaw l-influwenza globali tagħhom.

II-kooperazzjoni fiż-ŻEE

4. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza kontinwa u dejjem tikber tal-Ftehim ŻEE bħala bażi fundamentali għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA, speċjalment fi żmien ta' inċertezza ġeopolitika, u saħaq fuq l-importanza tal-istruttura b'żewġ pilastri tal-Ftehim.
5. Għaraf il-kontribut pożittiv li sar mill-Istati taż-ŻEE-EFTA għall-proċess tat-tfassil tad-deċiżjonijiet tal-leġiżlazzjoni u l-programmi tal-UE rilevanti għaż-ŻEE permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'kumitati, gruppi ta' esperti, fi studji u fl-aġenziji, kif ukoll permezz tal-preżentazzjoni ta' Kummenti taż-ŻEE-EFTA.
6. Barra minn hekk, il-Kunsill taż-ŻEE għaraf il-kontribut pożittiv tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u tal-Kummissjoni Ewropea fil-monitoraġġ tal-konformità mal-Ftehim ŻEE fl-Istati taż-ŻEE kollha.
7. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza li jiġu mistiedna l-Ministri taż-ŻEE-EFTA għal laqgħat Ministerjali informali tal-UE u konferenzi Ministerjali organizzati mill-Presidenzi tal-UE li huma rilevanti għall-parteċipazzjoni taż-ŻEE-EFTA fis-Suq Intern. Wera l-apprezzament tiegħu għall-Presidenza Daniża attwali u għall-Presidenzi li jmiss għat-tkomplija ta' din il-prattika.
8. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza ta' Suq Intern li jaħdem tajjeb fit-trawwim ta' kundizzjonijiet għal tkabbir ekonomiku u impjegi ġodda madwar l-Ewropa. Fakkar fil-benefiċċji tal-erba' libertajiet u kundizzjonijiet ugwali u ġusti ta' kompetizzjoni għan-negozji, filwaqt li ssottolinja li r-regoli tas-Suq Intern jagħtu spinta lill-innovazzjoni, il-kompetittività u l-kummerċ.
9. Il-Kunsill taż-ŻEE qabel dwar il-ħtieġa li jkomplu jissaħħu l-isforzi ta' komunikazzjoni fir-rigward tal-Ftehim ŻEE u l-benefiċċji tiegħu għaċ-ċittadini u n-negozji. Saħaq li għarfien akbar tal-Ftehim ŻEE f'kull livell fiż-ŻEE kollha kien fl-interess tal-Partijiet Kontraenti kollha u l-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern. Għal dan l-għan, il-Kunsill taż-ŻEE ħeġġeġ lill-Istati taż-ŻEE biex jiżguraw li l-informazzjoni li tikkonċerna l-Ftehim ŻEE tkun disponibbli malajr u faċilment.

10. Filwaqt li għaraf ir-rwol importanti tal-kooperazzjoni parlamentari, u l-kooperazzjoni bejn is-sħab ekonomiċi u soċjali, il-Kunsill taż-ŻEE ħa nota tar-Riżoluzzjoni tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE adottata wara t-63 laqgħa tiegħu f'Akureyri fil-25 ta' Mejju 2025 dwar ir-Rapport Annwali tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar il-Funzjonament tal-Ftehim ŻEE fl-2024.

Id-djalogu politiku

11. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa li s-sħubija mill-qrib bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA kienet l-aħjar garanzija ta' prosperità u stabbiltà komuni fit-tul. Din ir-relazzjoni mill-qrib ikkontribwiet għal Ewropa bbażata fuq il-paċi, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' d-djalogu politiku, fil-livell ministerjali bejn ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-ministri għall-affarijiet barranin tal-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, fejn il-parteċipanti kellhom skambju informali ta' fehmiet dwar kwistjonijiet attwali ta' politika barranija ta' interess reċiproku, bħall-Ukrajna/ir-Russja, ir-relazzjonijiet Trans-Atlantiċi u l-Lvant Nofsani, filwaqt li saħaq fuq l-importanza li titkompla l-prattika li jiġu mistiedna uffiċjali mill-Istati taż-ŻEE-EFTA għal djalogi politiki li jsiru flimkien mal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill tal-UE.

L-inkorporazzjoni ta' atti tal-UE rilevanti għaż-ŻEE

12. Filwaqt li nnota r-Rapport ta' Progress tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, il-Kunsill taż-ŻEE esprima l-apprezzament tiegħu għall-ħidma tal-Kumitat Konġunt biex jiżgura t-tkomplija tal-operat b'suċċess u l-funzjonament tajjeb tal-Ftehim ŻEE.
13. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa l-ħidma kontinwa biex jitnaqqas l-għadd ta' atti tal-UE li qed jistennew l-inkorporazzjoni fil-Ftehim dwar iż-ŻEE, u li fl-2025 sar progress importanti bħala riżultat tal-isforzi konġunti tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA. Madankollu, innota li x-xogħol b'lura baqa' għoli, u enfasizza l-ħtieġa li jsiru aktar sforzi u titkompla l-kooperazzjoni mill-qrib dwar fajls li ilhom pendenti biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità fiż-ŻEE. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja wkoll l-importanza li tiġi żgurata t-traspożizzjoni f'waqtha tal-acquis fis-sistemi legali nazzjonali.

Is-sigurtà ekonomika u l-kompetittività tas-Suq Intern

14. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa l-isfidi kontinwi fil-kummerċ internazzjonali fi żmien meta l-ktajjen tal-provvista dinjija jinsabu taħt pressjoni, u kkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu lejn il-kummerċ miftuħ, ġust u sostenibbli u relazzjonijiet kummerċjali bbażati fuq ir-regoli.
15. Barra minn hekk, il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza tas-Suq Intern fl-iżgurar tal-kompetittività, l-awtonomija strateġika filwaqt li tippreserva ekonomija miftuħa, is-sigurtà ekonomika, ir-reżiljenza, is-sigurtà tal-ikel, it-tiġdid industrijali, it-tmexxija teknoloġika reżiljenti, u l-attrazzjoni tal-Ewropa bħala post tan-negozju. L-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA jikkondividu interess reċiproku fl-iżgurar ta' Suq Intern li jiffunzjona tajjeb u fiż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwi kemm fid-dinja kif ukoll fis-Suq Intern hekk kif politiki u inizjattivi ġodda jevolvu biex ilaħħqu mal-isfidi ġeopolitiċi li għaddejjin bħalissa foqsa bħall-kompetizzjoni dinjija, it-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, id-dipendenzi strateġiċi u r-riskji tal-katina tal-provvista f'setturi strateġiċi.
16. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza li jiġi pprovdut ambjent favorevoli għall-innovazzjoni u n-negozju sabiex tissaħħaħ il-kompetittività fiż-ŻEE kollha u nnota l-importanza li jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi f'setturi sensittivi, kif ukoll li jiġu ssimplifikati l-proċessi regolatorji. Laqa' l-isforzi biex jiġu ssimplifikati r-regoli u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi bla bżonn permezz ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi inkluż il-proposti Omnibus peress li huma partikolarment importanti għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li jikkostitwixxu l-maġġoranza vasta tal-kumpaniji fiż-ŻEE.
17. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA fiż-żieda tas-sigurtà ekonomika, ir-reżiljenza kif ukoll l-iżgurar u t-tiġid tal-ktajjen tal-provvista permezz tad-diversifikazzjoni tal-provvista u l-bini tal-kapaċitajiet tal-manifattura fis-Suq Intern, partikolarment fl-oqsma tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero u baxxi f'konformità mal-paragrafu 28 tal-ewwel Rendikont Globali skont il-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll fl-oqsma taċ-ċipep u l-materja prima kritika. Is-sigurtà ekonomika fiż-ŻEE għandha tkun iffukata fuq il-promozzjoni tal-kompetittività fiż-ŻEE kollha, u fuq l-għoti ta' protezzjoni minn riskji komuni għas-sigurtà ekonomika, u sħubija ma' pajjiżi oħra b'interessi komuni.

18. Il-Kunsill taż-ŻEE għaraf li l-Aġenda Strateġika tal-UE 2024-2029 indirizzat b'mod adegwat l-isfidi komuni tal-Istati taż-ŻEE. Huwa faħħar l-isforzi biex jiġi żviluppat Suq Intern aktar profund u aktar reżiljenti li jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' teknoloġiji futuri ewlenin u għal kompetittività fit-tul tal-Ewropa, u laqa' l-isforzi biex l-Ewropa tinżamm b'saħħitha u sigura.

It-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u t-tranżizzjoni ekoloġika

19. Il-Kunsill taż-ŻEE qabel li huma meħtieġa ambizzjonijiet kbar, sforz kollettiv u azzjoni urġenti biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni għal futur sostenibbli, soċjalment ġust, newtrali għall-klima u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. Appella għal tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili fis-sistemi tal-enerġija b'mod ġust, ordnat u ekwu, allinjata mal-perkorsi tal-mira ta' 1.5 °C, filwaqt li titħaffef l-azzjoni f'dan id-deċennju kritiku, sabiex jinkisbu emissjonijiet zero netti l-aktar tard sal-2050 f'konformità mal-aqwa xjenza disponibbli. Filwaqt li jżomm f'moħħu l-potenzjal taż-ŻEE, tenna wkoll l-appell biex il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli tiġi triplikata globalment u biex ir-rata annwali medja dinjija tat-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tiġi rduppjata sal-2030 u biex jiġu aċċellerati t-teknoloġiji b'emissjonijiet zero u baxxi. Huwa laqa' l-isforzi tal-UE biex tiżgura l-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea.
20. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa l-importanza ta' provvisti tal-enerġija siguri, affordabbli u sostenibbli u li jiddefendi l-infrastruttura tal-enerġija Ewropea kontra theddid ibridu u theddid ieħor. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja li strateġija komprensiva u teknoloġikament newtrali għad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività għandha toffri prevedibbiltà għall-industrija u tistinka biex tattira, iżżid u żżomm in-negozji fl-Ewropa.
21. Il-Kunsill taż-ŻEE għaraf l-effetti detrimentali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna mir-Russja fuq is-settur tal-enerġija fl-Ewropa u nnota l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan REPowerEU tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kunsill taż-ŻEE nnota l-pubblikazzjoni reċenti tal-pjan direzzjonali tal-UE għat-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili Russi, li għandu l-għan li jnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi.

22. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja r-rwol ewlieni tal-ipprezzar tal-karbonju fit-tranżizzjoni ekoloġika u l-kooperazzjoni kontinwa bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA fl-iżvilupp tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Huwa laqa' l-ħidma li għaddejjha dwar l-inklużjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja wkoll il-ħtieġa ta' miżuri effettivi biex tiġi żgurata l-kredibbiltà tad-data dwar l-emissjonijiet u biex jitkomplew l-isforzi biex tiġi żgurata l-affidabbiltà tad-data ta' pajjiżi terzi.
23. Il-Kunsill taż-ŻEE ħa nota tal-Pakkett dwar il-Mobbiltà Militari, u ssottolinja l-importanza li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib fir-rigward tal-aspetti tal-pakkett li jistgħu jikkonċernaw l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Ftehim ŻEE.
24. Hekk kif it-trasport jirrappreżenta sors kbir tal-emissjonijiet fl-Ewropa, il-Kunsill taż-ŻEE tenna l-importanza li l-Istati taż-ŻEE jaħdmu flimkien għal settur tat-trasport sostenibbli, kompetittiv u reżiljenti. Għandha tinżamm enfasi qawwija fuq it-tbaħħir ekoloġiku u l-avjazzjoni ekoloġika, kif ukoll l-infrastrutturi tal-ajruporti u tal-portijiet. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-aċċellerazzjoni tal-bidla lejn modi sostenibbli ta' trasport u fjuwils sostenibbli fiż-ŻEE kollha filwaqt li tiġi ppreservata l-konnettività ta' żoni remoti, inkluż stati gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi, u li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta. It-tranżizzjoni lejn fjuwils sostenibbli teħtieġ l-allinjament tad-domanda ma' provvista affidabbli u skalabbli, filwaqt li fl-istess ħin jiġu sfruttati t-teknoloġiji emerġenti biex tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni effettiva. Il-bini tar-reżiljenza permezz tal-innovazzjoni, mekkaniżmi ta' konformità flessibbli u investment fl-infrastruttura sostenibbli huwa essenzjali biex jiġu ssalvagwardati l-flussi kummerċjali. Barra minn hekk, it-titjib tal-kapaċità ferrovjarja u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tat-trasport tal-merkanzija bit-triq huma ta' importanza vitali.
25. Il-Kunsill taż-ŻEE esprima l-impenn sħiħ tiegħu li jżid l-isforzi biex jindirizza t-tibdil fil-klima, isegwi t-tranżizzjoni tal-enerġija sostenibbli, u jkompli jipproteġi d-dinja naturali tagħna u jagħti spinta lill-ekonomija ċirkolari tagħna b'mod ġenerali biex inżidu l-kompetittività tagħna. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni kontinwa mill-qrib bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-kisba tal-miri u l-oġettivi rispettivi tagħhom dwar il-klima u l-bijodiversità u l-ħarsien tal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Qafas tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal.

Il-Kunsill taż-ŻEE qabel li huwa essenzjali li jiġi indirizzat it-telf fil-bijodiversità, u nnota li l-ambizzjoni tal-UE ta' tniġġis zero, kif ukoll il-kooperazzjoni għal Ewropa aktar nadifa u ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi huma parti fundamentali minn dan. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza tal-allinjament regolatorju fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari u enfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza idrika fis-setturi kollha.

26. Filwaqt li rrikonoxxa li t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità huma sfidi dinjija, il-Kunsill taż-ŻEE tenna l-impenn sħiħ tiegħu li jimplimenta l-Aġenda 2030 tan-NU u l-Ftehim ta' Pariġi u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, li huma multilaterali u essenzjali fl-azzjoni dinjija kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità. B'kont meħud tal-eżiti tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima COP28 u COP29, il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza kontinwa ta' ambizzjoni dinjija akbar skont il-Ftehim ta' Pariġi. Għal dan il-għan, il-Kunsill taż-ŻEE laqa' l-komunikazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) wara l-2030, u appella lill-Partijiet kollha li kienu għadhom ma ppreżentawx l-NDCs tagħhom biex jagħmlu dan b'mod urġenti. Saħaq li l-NDCs ta' wara l-2030 għandhom ikunu bbażati fuq l-Ewwel Rendikont Globali (GST-1), jirriflettu l-progressjoni u l-oġhla ambizzjoni possibbli, jiġu allinjati mal-perkorsi tal-emissjonijiet li jillimitaw it-tiżhin globali għal 1.5 °C u l-aħjar xjenza disponibbli, fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali differenti, kif ukoll jinkludu miri assoluti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, li jkopru l-gassijiet serra, is-setturi u l-kategoriji kollha u juru kif il-Partijiet qed jimplimentaw l-ewwel Rendikont Globali (GST-1). Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-ħtieġa li l-pajjiżi jstabbilixxu u/jew jaċċelleraw l-għanijiet tagħhom ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra zero netti u li jsegwu djalogu ambizzjuż ma' sħab ewlenin tal-istess fehma. Barra minn hekk, il-Kunsill taż-ŻEE nnota l-ambizzjoni tal-Ewropa li żżomm ir-rwol ewlieni tagħha biex tilħaq l-impenni internazzjonali tagħha dwar il-bijodiversità, b'mod partikolari dawk meħuda fil-Ftehim Qafas Globali tal-Bijodiversità Kunming-Montreal. B'kont meħud tal-eżitu tas-16-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-ħtieġa li l-partijiet kollha jaġġornaw jew jirrevedu l-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom għall-Bijodiversità biex jindirizzaw b'mod urġenti l-ixprunaturi diretti u indiretti tat-telf tal-bijodiversità.

It-trasformazzjoni diġitali

27. Il-Kunsill taż-ŻEE saħaq li s-salvagwardja tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media, l-indipendenza editorjali u l-protezzjoni tal-ġurnalisti huma ta' importanza fundamentali għal soċjetà demokratika li tiffunzjona tajjeb fl-era diġitali, flimkien mar-rispett ta' dawk il-valuri kruċjali kif stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, inkluż dwar l-appoġġ tal-media indipendenti u l-finanzjament tagħhom.
28. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza li l-Istati taż-ŻEE jaħdmu flimkien mill-qrib biex jiżguraw trasformazzjoni diġitali kompetittiva, ġusta u reżiljenti, u biex l-Ewropa ssir mexxejja globali fit-teknoloġiji diġitali strateġiċi. Barra minn hekk, huwa ssottolinja li s-salvagwardja tal-integrità u r-reżiljenza tal-infrastruttura u s-servizzi diġitali hija essenzjali biex niproteġu s-soċjetajiet demokratiċi tagħna u nasserixxu l-valuri Ewropej tagħna.
29. Filwaqt li nnota l-ħtieġa li titħaffef l-adozzjoni tal-IA mill-industrija, kif ukoll mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u f'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali Inklużiva u Sostenibbli għan-Nies u għall-Pjaneta, li ntleħaq qbil dwarha fil-11 ta' Frar 2025 f'Pariġi, il-Kunsill taż-ŻEE appoġġa l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA proposta u appella għall-involviment mill-qrib tal-awtoritajiet, tal-industrija u tas-soċjetà ċivili mill-Istati taż-ŻEE fl-implimentazzjoni tagħha. Barra minn hekk, biex jiġi massimizzat il-valur soċjetali u tal-innovazzjoni tad-data, il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-ħtieġa li jsiru aktar sforzi biex tinholq Unjoni Ewropea tad-Data reali, inkluż billi tiġi ssimplifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti u tittejjeb il-governanza tad-data.
30. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza tal-inkorporazzjoni li jmiss tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) u l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA) fil-Ftehim ŻEE. Filwaqt li jinnota l-benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjetali potenzjali tal-intelliġenza artifiċjali (IA), għaraf ukoll l-importanza li jiġi stabbilit qafas regolatorju komuni għall-IA fl-Ewropa permezz tal-Att dwar l-IA, u li jiġi żgurat li s-sistemi tal-IA mqiegħda fis-Suq Intern u użati fiż-ŻEE jkunu siguri, affidabbli, etiċi u jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, il-valuri u l-prinċipji etiċi Ewropej.

31. Il-Kunsill taż-ŻEE nnota l-importanza tat-tiżiħ taċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tan-nies, l-istituzzjonijiet u l-infrastruttura kritika kontra t-theddid ibridu. Huwa laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan ta' azzjoni Ewropew dwar iċ-ċibersigurtà tal-isptarijiet u tal-fornituri tal-kura tas-saħħa, kif ukoll l-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà u l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika tal-UE, u appella lill-Partijiet għall-Ftehim ŻEE biex ikomplu jikkooperaw mill-qrib biex japprofondixxu l-kollaborazzjoni tagħhom sabiex iżidu r-reżiljenza tas-Suq Intern u jipprevjenu t-theddid ċibernetiku.
32. Il-Kunsill taż-ŻEE għaraf l-importanza tat-tiżiħ tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa permezz tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista, tinżamm it-tmexxija teknoloġika u tittejjeb il-kapaċità ta' produzzjoni u billi jitkoplew l-ambizzjonijiet permezz tal-Att dwar iċ-Ċipep 2.0.

Id-dimensjoni soċjali

33. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza tad-dimensjoni soċjali fil-Ftehim dwar iż-ŻEE, li tkopri kwistjonijiet relatati mal-liġi tax-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa l-importanza ta' swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb, u li tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u li jiġi żgurat tlaqqiġ tajjeb bejn il-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, bħala elementi fundamentali biex titwettag trasformazzjoni ġusta, ekoloġika u diġitali u tissaħħaħ il-kompetittività tas-Suq Intern.
34. Filwaqt li enfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-protezzjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, il-Kunsill taż-ŻEE laqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, qafas li jimmira lejn Ewropa aktar inklużiva, reżiljenti u kompetittiva.

Il-kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa

35. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa t-tagħlimiet strateġiċi li ttieħdu mir-rispons u l-ġestjoni għall-kriżijiet fiż-ŻEE matul il-pandemija tal-COVID-19. L-integrità tas-Suq Intern u tal-funzjonament bla xkiel tal-Ftehim dwar iż-ŻEE baqgħu prijoritajiet essenzjali f'dan il-kuntest. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza li tinbena l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, u stenna b'interess kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA dwar it-tnejjija u r-rispons għas-saħħa. Il-Kunsill taż-ŻEE ħa nota wkoll tal-proposta għal regolament fil-qasam tal-mediċini kritiċi bil-ħsieb li jiġu permessi ktajjen tal-provvista aktar reżiljenti u jissaħħu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni Ewropej. Il-Kunsill taż-ŻEE stenna wkoll b'interess aktar progress fir-riforma tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-UE li tindirizza l-aċċess f'waqtu u ekwu għal prodotti mediċinali sikuri, effettivi u affordabbli, is-sigurtà tal-provvista ta' prodotti mediċinali u li tipprovdri ambjent attraenti u favorevoli għall-innovazzjoni għar-riċerka, l-investment, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti mediċinali fl-Ewropa kif ukoll miżuri li jindirizzaw il-mard rari u r-reżistenza għall-antimikrobiċi.
36. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza li jissaħħu l-azzjonijiet tal-UE dwar l-indukrar u s-saħħa mentali, u li jissaħħu aktar il-kapaċitajiet u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, inkluż ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, speċjalment f'oqsma fejn il-pandemija kixfet nuqqasijiet.

Il-programmi u l-aġenziji tal-UE

37. Filwaqt li rrikonoxxa l-kontribut li sar mill-programmi tal-UE għall-bini ta' Ewropa aktar ekoloġika, aktar diġitali u reżiljenti, il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA f'għadd ta' programmi tal-UE fil-perjodu 2021–2027 u rrikonoxxa l-kontribuzzjoni finanzjarja sinifikanti tagħhom għall-programmi.
38. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja li l-Artikolu 78 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jipprevedi li l-Partijiet Kontraenti għandhom isaħħu u jwessgħu l-kooperazzjoni f'diversi oqsma li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet. L-Istati taż-ŻEE-EFTA għandu jkollhom aċċess għall-partijiet kollha tal-programmi li jipparteċipaw fihom. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza tat-tiżiħ tas-sigurtà tar-riċerka u appella lill-Partijiet biex jaħdmu flimkien mill-qrib f'dan ir-rigward, inkluż bl-użu tal-ġestjoni tar-riskju u miżuri xierqa oħra.

Il-Ftehim jiggarrantixxi lill-membri kollha tiegħu drittijiet u obbligi ugwali u huwa kruċjali għall-funzjonament tajjeb tiegħu li dawn il-prinċipji jiġu rispettati. Il-Kunsill taż-ŻEE ħeġġeġ b'mod partikolari lill-korpi ta' implimentazzjoni kollha fil-livelli Ewropew u nazzjonali biex jagħtu pubbliċità u jippromwovu opportunitajiet ta' sħubija fiż-ŻEE kollha u biex jiżguraw li l-atturi kollha jsiru konxji bis-sħiħ tad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati taż-ŻEE-EFTA meta jipparteċipaw fil-programmi tal-UE.

39. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza li l-kooperazzjoni wiesgħa fil-qasam tal-ispazju hija kruċjali għat-tiżiħ tal-bażi industrijali tal-Ewropa u għall-preservazzjoni tal-integrità u l-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern. Innota d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-parteeċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-Programm għal Konnettività Sigura u l-proposta għal Att tal-UE dwar l-Ispazju.
40. Mingħajr preġudizzju għan-negożjati li jmiss fil-livell tal-UE tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-Kunsill taż-ŻEE appella għal djalogu kontinwu dwar it-tnejjiet għall-perjodu ta' programmazzjoni wara l-2027 bil-għan li tiġi żgurata l-inkorporazzjoni bikrija ta' regolamenti ġodda tal-programm fil-Ftehim dwar iż-ŻEE, b'kont meħud li l-parteeċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE. Barra minn hekk, il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza li tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Unjoni Ewropea fit-tfassil ta' programmi futuri tal-UE f'konformità mal-Ftehim ŻEE.
41. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza tal-inkorporazzjoni li jmiss fil-Ftehim ŻEE tal-pakkett tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) biex jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

II-Mekkaniżmi Finanzjarji

42. Il-Kunsill taż-ŻEE fakkar li l-Ftehim dwar iż-ŻEE jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fis-Suq Intern u f'dan il-kuntest fakkar ukoll li l-Istati taż-ŻEE-EFTA jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-disparitajiet soċjali u ekonomiċi fiż-ŻEE permezz tal-Mekkaniżmi Finanzjarji taż-ŻEE u tan-Norveġja għall-benefiċċji tal-Partijiet Kontraenti, bil-ħsieb li jiġi promoss tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn il-Partijiet Kontraenti kollha għall-Ftehim dwar iż-ŻEE f'konformità mal-Artikolu 115 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.
43. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu Mejju 2021 – April 2028 bejn l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-UE, u tal-Ftehim bejn in-Norveġja u l-UE dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għal Mejju 2021 – April 2028 fl-1 ta' Awwissu 2025.
44. Bil-għan ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-Mekkaniżmi Finanzjarji għall-perjodu Mejju 2021 – April 2028, il-Kunsill taż-ŻEE laqa' l-konklużjoni tal-memoranda bilaterali ta' qbil u ftehimiet ta' programmi bejn l-Istati taż-ŻEE-EFTA u ċerti Stati Benefiċjarji u stenna b'interess il-konklużjoni rapida tal-memoranda ta' qbil bilaterali mal-Istati Benefiċjarji kollha sabiex jiġu stabbiliti qafas ċar u skeda ta' żmien għal implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-fondi, li ser jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tematiċi maqbula, it-tranżizzjoni ekoloġika Ewropea, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u l-inklużjoni soċjali u r-reżiljenza.
45. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza li l-Partijiet Kontraenti għandhom, fid-dawl tal-Artikolu 10 fil-Protokoll 38D, jirrieżaminaw il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea u għandhom, abbażi tal-valutazzjoni, jibdew negozjati futuri dwar il-Mekkaniżmi Finanzjarji li jmiss ferm qabel it-tmiem tal-Mekkaniżmi Finanzjarji 2021 – 2028 sabiex jiġu evitati lakuni fl-implimentazzjoni u biex ikun hemm programmazzjoni effiċjenti u effettiva tal-perspettiva ta' finanzjament futura.

Is-sajd u l-aċċess għas-suq għall-ħut u l-prodotti tas-sajd

46. Il-Kunsill taż-ŻEE ħa nota tad-dħul fis-seħħ taż-żewġ protokoll addizzjonali għall-ftehimiet bilaterali tal-UE mal-Iżlanda u n-Norveġja li jipprevedu kwoti tariffarji għall-importazzjoni fis-suq tal-UE sa April 2028 ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw f'dawk il-pajjiżi.
47. Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE nnutaw b'dispijaċir id-deterjorament serju tal-istokk tal-kavalli tal-Grigal tal-Atlantiku u fehmu l-importanza li jintlaħaq ftehim komprensiv ta' kondivizzjoni fil-ħin.
48. Il-Kunsill taż-ŻEE afferma mill-ġdid ukoll l-impenji stabbiliti fil-Protokoll 9 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE dwar il-kummerċ tal-ħut u prodotti oħra tal-baħar.
49. Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE ssottolinjaw l-importanza kbira ta' kooperazzjoni kostruttiva dwar kwistjonijiet tas-sajd li għandha tkun ibbilanċjata u ta' benefiċċju reċiproku, partikolarment fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli ta' stokk ta' interess komuni.
50. Il-membri tal-Kunsill taż-ŻEE għarfu l-importanza li jkomplu jiġu indirizzati, bil-ħsieb li jiġu solvuti, kwistjonijiet pendenti rispettivi dwar il-politika tas-sajd u rrikonoxxew l-importanza tad-djalogi bilaterali fil-ġestjoni tas-sajd u l-ħtieġa għal ftehimiet dwar arranġamenti ta' kondivizzjoni bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA rispettivi.

Il-kummerċ agrikolu

51. Il-Kunsill taż-ŻEE fakkar fl-impenn tal-Partijiet Kontraenti, f'konformità mal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, u appella lill-partijiet biex ikomplu d-djalogu bil-ħsieb li jiġu rieżaminati l-kundizzjonijiet tal-kummerċ fi prodotti agrikoli sabiex tinkiseb liberalizzazzjoni progressiva fil-qafas tal-politiki agrikoli rispettivi tagħhom. Il-Kunsill taż-ŻEE ħeġġeġ lill-Partijiet Kontraenti jwettqu rieżami ġdid tar-reġim kummerċjali għal prodotti agrikoli pproċessati fil-qafas tal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 6 tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, sabiex jiġi promoss aktar il-kummerċ f'dan il-qasam.